MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Numru. 898/2003

Il-Pulizija
(Spettur Pio Pisani)
vs
Giuseppe Grech u Aaron Bugeja

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati fuq imsemmija Giuseppe Grech, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 72464(M) u Aaron Bugeja, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 581878(M), li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Ottubru 2003 u l-1 ta' Novembru 2003, f'dawn il-gzejjer bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq ta' kwantita ta' hut mill-fish farm li hemm hdejn il-gzejjer ta' San Pawl ghad-dannu tas-socjeta' Fish Farms Co Ltd., liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat :

a) bil-valut li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Art 267 tal-Kap. 9) u

b) bil-hin (Art. 270 tal-Kap. 9) u

c) bix-xorta tal-haga misruqa (Art 271 (e) tal-Kap. 9) urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidenti u indipendenti mill-volonta taghhom;

Lil Giuseppe Grech wahdu li huwa persuna recediva peress li gie ikkundannat fuq sentenzi li gew defittivi u rega ghamel reat iehor;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-piena applikabbli ghar-reati odjerni tordna l-konfiska tad-dghajsa, l-karru, x-xibka u l-vettura nru ta' registrazzjoni nru JAD 703, li b'xi mod intuzat fl-attentat tad-delitt;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija jiddikjaraw illi ma kellhom l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Il-Qorti semghet liz-zewg imputati debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dana waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru, 2003;

Ghaldaqstant u fuq ammissjoni volontarja taz-zewg imputati fuq imsemmija l-Qorti issibhom <u>hatja</u> ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (b), 261 (g), 261 (f), 41, 1 (a), 31, 17, 23, 267, 270, 271, 279, 280 u 20 tal-Kap. 9.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena fil-konfront tal-imputat Aaron Bugeja, illi l-imputat Aaron Bugeja ghandu fedina penali netta, ghandu impjieg fis, irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita li kellu, u ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi ir-refurtiva giet rikuperata mill-pulizija. Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti, wara illi rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, peress illi tara illi piena karcerarja certament ma tkunx idoneja ghal dan il-kaz, illi jkun ferm aktar ta'

beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu, qeghda tillibera lill-imputat Aaron Bugeja bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' tlett snin millum.

Illi fil-konfront ta' Giuseppe Grech illi huwa recediv il-Qorti wkoll ikkunsidrat il-fatt illi dan l-imputat irregistra ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi r-refurtiva giet rikuperata mill-pulizija. Dwar ir-recidiva il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi f'Ottubru 1998 dan l-imputat kien gie misjub hati illi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis, kif ukoll ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis u talli ittraffika ir-rezina mehuda mill-pjanta cannabis u hazen polvri tal-isparar u esplussiv minghajr licenzji tal-pulizija, uza jew zamm ghandu esplussiv ghas-sajd u xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll insolverjanza tieghu sustanza esplussiva taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu lil xi hadd raguni ghalfejn jahseb li hu ghamilha, zammha jew kienet ghandu ghall-hsieb illecitu.

Illi l-Avukat difensur, kif ukoll il-Prosekuzzjoni iddikjaraw illi l-imputat Guiseppe Grech ghandu impjieg fis, ghandu familja u ghandu jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu. Huma t-tnejn issuggerew illi forsi seta' jinghata xi sentenza sospiza. Ma dana kollu il-Ligi tipprovdi fl-Artikolu 28 A (7) (e) illi meta persuna tkun recediva ma tistax tinghata sentenza sospiza. Pero' in vista tad-dikjarazzjoni illi ghamel l-Ufficjal Prosekutur, l-Qorti tara illi ma jkunx opportun illi l-imputat Giuseppe Grech jinghata piena karcerja u jkun ferm aktar ta' beneficcju ghalih u ghas-socjeta' in generali jekk jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 qeghda taghmel ordni ta' probation li permezz tieghu qeghda tqieghed lill-imputat Giuseppe Grech taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation illi ghandu jigi mahtur mid-Direttur

Responsabbli ghas-Servizzi tal-Probation u dan ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat bi kliem car lil dan l-imputat bil-konsegwenzi jekk huwa ma joqghodx ghal kull ordni u direzzjoni illi jaghtih l-Ufficjal tal-Probation matul dan il-perjodu ta' tlett snin mil-lum, kif ukoll bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu imsemmi.

Il-Qorti tiddikjara li qeghda minnufih tghaddi kopja ta' din l-ordni ta' probation lill-imputat Giuseppe Grech, kif ukoll id-Direttur Responsabbli ghas-Servizzi tal-Probation u lill-Ufficjal Prosekutur.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tad-dghajsa, il-karru u x-xibka u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAD 703 favur il-Gvern ta' Malta.

Illi dwar il-vettura numru ta' registrazzjoni JAD 703 jinghad illi minkejja l-fatt illi l-Avukat difensur u l-imputat Aaron Bugeja iddikjaraw illi din il-vettura hija irregistrata f'isem missier l-imputat Aaron Bugeja dan il-fatt ma giex ippruvat fil-Qorti u ghalhekk il-Qorti ordnat il-konfiska ta' din il-vettura.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------